StudentBounty.com

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

Ro

**IR-RABA' SENA** **MALTI** **ĦIN: SAGĦTEJN**

**Isem:** ______________________ **Klassi:** ______________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| **Mistoqsija** | **A** | **B** | **Ċ** | **D** | **E** | **F** | **Ġ** | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marki** | **10** | **20** | **4** | **8** | **8** | **30** | **20** | **100** |
| **Marki tal-istudent/a** | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:***



Kont għand it-tabib nistenna biex jinvistani. Kelli sitta, seba' persuni qabli. Kemm se ndum, għedt bejni u bejn ruħi! Imbagħad waqaft naħseb ftit filwaqt li bdejt niflihom wieħed wieħed u waħda waħda. Kos, dawn ġew hawn għax qegħdin ibatu minn xi ħaġa, bħali. Kull wieħed għandu l-istorja u l-problema tiegħu u jien, fl-egoiżmu tiegħi, bdiltu f'numru bla wiċċ ...... f'ċifra! Kemm huma bla qalb in-numri! *(par.1)*

Id-dinja moderna lill-umanità hekk għamlitilha. Bidlet lill-bnedmin f'numri bla wiċċ u bla individwalità. Għandna n-numru tal-identità, in-numru tal-passaport, in-numru tal-kont tal-bank, in-numru tas-sigurtà soċjali. Saħansitra anke jekk tidħol fi sptar issir numru – skont in-numru tas-sodda li jagħtuk. Meta l-persuna tinbidel f'numru titlef l-identità tagħha. La tkun taf hix raġel jew mara, hix twila jew qasira, ħoxna jew irqiqa, xiħa jew żagħżugħa, hix persuna b'diżabilità. *(par.2)*

U meta niġu biex nitkellmu dwar numru, bla ma rridu nwarrbu kull sentiment għaliex ma nibqgħux naraw il-persuna li hemm wara dak in-numru partikulari. Il-Mulej ħoloq kull ħaġa li hawn madwarna bil-karatteristiċi individwali tagħha. Sal-iċken werqa hi differenti minn oħtha li hemm maġenbha. Aħseb u ara kemm se ssib bnedmin li huma l-istess. Lanqas tewmin identiċi m'huma eżatt bħal xulxin. Imbagħad il-bniedem ġab lil ħutu l-bnedmin kollha l-istess, kollha numri. *(par.3)*

Qegħdin jiġuni f'moħħi l-ġenerali. Dawn, qabel xi battalja importanti, dejjem jagħmlu l-kalkoli tagħhom. Huma jaraw x'numru ta' suldati lesti li jitilfu sabiex jirbħu. Rari jġibu quddiem għajnejhom l-effetti tal-kmand li jkunu se jagħtu, li għal dak li jkun, sew jekk ikun suldat u sew jekk ma jkunx, dawn l-ordnijiet jistgħu jfissru li hu jitlef ġidu kollu, iweġġa' serjament jew saħansitra jmut hu stess jew l-għeżież tiegħu. *(par.4)*

(minn ***In-Numri f'Ħajjitna,*** kitba ta' S. M. Cachia)

## A. FEHIM IT-TEST (10 marki)

1. Agħti isem xieraq lil din is-silta.

   Isem xieraq hu: ______________________________________________ (marka)

2. Fejn kien l-awtur meta beda jaħseb fuq in-numri?

______________________________________________________________________ (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

3. Fl-ewwel paragrafu, x'ġiegħel lill-awtur jaħseb li n-nies mhumiex numri?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (mar[illegible]

4. Skont l-awtur, x'jiġrilha l-persuna meta flok isem ikollha numru?

______________________________________________________________ (2 marki)

5. Semmi żewġ eżempji msemmija mill-awtur fejn, flok l-isem, ħafna drabi nużaw numru.

(a) ______________________________

(b) ______________________________ (2 marki)

6. Għaliex, skont ma jgħid l-awtur f'paragrafu 3, in-numru qatt ma jista' jieħu post il-bniedem?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (marka)

7. Għaliex taħseb li d-deċiżjonijiet li l-ġenerali jieħdu qabel battalja kultant ikunu bla qalb?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

| **B. GĦARFIEN IL-LINGWA** | (20 marka) |
|---|---|

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Agħżel **il-konġunzjoni** t-tajba u imla l-vojt biha. (Ara l-eżempju.) (3 marki)

i. Fittixtu qalb il-folla ***imma*** ma sibtux.
ii. Li ________ ma mortx bil-karozza, kont nasal tard.
iii. Mar sal-Belt _______ ried jixtri qmis sabiħa.
iv. Ommi qaltli, "______ tistudja jew tara t-televixin!"

(**Jew, kieku, għax, imma**)

2. Agħti **z-zokk morfemiku** ta' dawn il-kelmiet. (Ara l-eżempju.) (2 marki)

a. internazzjonali — zokk morfemiku nazzjon
b. japprofitta — zokk morfemiku ____________________
ċ. fortunatament — zokk morfemiku ____________________

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Imla l-vojt bl-**avverbji** billi tagħżel il-kelma t-tajba mil-lista. (Ara l-eżempju.)

Meta niżel ***isfel*** sab lil ommu tistennieh. Kellimha ___________________ u qalilha
jsiefer. Kien bi ħsiebu jitlaq ________________ jekk ma jinqala' xejn. Ommu ___________
stennietha din l-aħbar. Bkiet ______________ u għajnejha saru ħomor nar.

(***ħafna, isfel, filgħodu, onestament, qatt***)

4. Ikteb din is-sentenza f'**diskors dirett** billi tuża **punteġġjatura** tajba.

Tanya qaltli biex innewlilha ċ-ċavetta minn fuq il-mejda.

Tanya qaltli, ___________________________________________________________ (2 marki)

5. Imla l-vojt bil-verbi komposti. (L-ewwel waħda hi lesta.) (2 marki)

a. Sylvana waslet id-dar għajjiena

Hi ***kienet*** ilha ***taħdem*** il-jum kollu.

b. L-għalliem waqaf jikkoreġi.

Hu _______ ilu _________________ minn filgħodu.

ċ. Bi ħsiebni mmur Londra l-ġimgħa d-dieħla.

Jien ilni _____ ______________ Londra ħames snin.

**LESSIKU / VOKABULARJU**

6. Il-kelma **problema** *(par.1)* hi ta' nisel: Semitiku __; Rumanz __; Ingliż __. (marka)

7. Sib minn *paragrafu 3* kelma li tfisser ***eżatt bħal xulxin*** **.** __________________ (marka)

8. Flok il-kelma ***kmand*** (*par. 4*) nistgħu niktbu l-kelma **_________________.** (marka)

**ANALIŻI TESTWALI**

9. Il-frażi ***Kemm huma bla qalb*** (*par.1*) qiegħda tirreferi:

(a) għan-nies jistennew lit-tabib ___ (b) għall-ġenerali ___ (ċ) għan-numri ____. (marka)

10. Il-kelma: _______________________ *(par.2)* tirreferi għall-bnedmin kollha. (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SINTASSI**

11. Aqleb dawn is-sentenzi **fil-passiv**. (Ara l-eżempju.)

i. Toni Berbaq seraq il-karozza. Il-karozza ***nsterqet minn Toni Berbaq***

ii. Marika pprintjat in-noti tal-Malti. In-noti ______________________________________

iii. It-trakk farrak il-ħġieġa tal-ħanut. Il-ħġieġa ____________________________________

| | |
|---|---|
| **Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** | (4 marki) |

**(i) Sib iż-żewġ idjomi t-tajbin mill-kaxxa ta' taħt u iktibhom fil-vojt fis-sentenzi.**

Kenneth minn dejjem kien ifittex l-għali b'idejh, u meta beda jieħu d-droga malajr sab ruħu __________________________________ mal-pulizija. Missieru ____________________________ ________________ li ibnu kien se jispiċċa ħażin.

| |
|---|
| f'baħar wieħed; ibigħ is-saħħa; ħadha bi kbira wisq; tajjar flusu kollha; f'baħar ta' inkwiet; bejn sema u ilma. |

**(ii) Kompli dawn il-qwiel billi tagħżel il-partijiet li jonqos mil-lista ta' taħt:**

(a) Agħmel il-ġid u nsieh, ____________________________________________________________

| | |
|---|---|
| (i) | u kulħadd ifaħħrek. |
| (ii) | agħmel id-deni u ftakar fih. |
| (iii) | imbagħad oqgħod ftaħar bih. |

(b) Il-mard jidħol bid-debba____________________________________________________________

| | |
|---|---|
| (i) | u joħroġ fuq żiemel. |
| (ii) | u miegħu jidħol it-tabib. |
| (iii) | u joħroġ bin-nemla. |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV

Ikteb madwar **60 kelma**.

Għadek kemm temmejt ir-raba' sena fi skola sekondarja. Tista' tgħid li għal sena sħiħa għext flimkien ma' sħabek fl-istess klassi. Agħti deskrizzjoni ta' din il-klassi u semmi xi aspetti pożittivi u/jew negattivi ta' din il-kamra.

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI (8 marki)

Fil-proġett **L-Oqsma tal-Għerf tal-Kultura Maltija** int studjajt diversi suġġetti marbuta ma' din it-tema u għamilt tiftix dwarhom. Ikteb madwar **60 kelma** fuq **wieħed** minn dawn is-suġġetti.



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## F. LETTERATURA (30 ...)

**(i) Proża / Dramm**

**L-Isqaq** (4 marki)

Agħżel **żewġ karattri** mil-lista u ikteb **żewġ sentenzi** fuq kull wieħed minnhom:

**Stejfen, Omm Stejfen, Romilda, Spigolò, Menu, Lugrez**

1. ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

2. ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**Anestesija** (4 marki)

Irriga **sing** taħt it-tweġiba t-tajba.

3. Meta wasal iċ-Ċirku Terros, omm it-tifel kienet qiegħda (tgħaddi l-ħwejjeġ, taħsel xagħarha, tifrex is-sodda, rieqda fis-sodda) u ma ratux għaddej.
4. Beppo l-buffu kien iżomm dejjem (fjura, umbrella, beritta, gazzetta) biex iħossu protett.
5. Lit-tifel, Beppo kien isejjaħlu (Rumpilstiltskin, Purċinella, Spiderman, Dopidokus).
6. *Anestesija* hu dramm mimli (ċajt, simboliżmu, poeżija, nies importanti).

**(ii) Qawsalla: *Referenza għall-Kuntest***

Aqra din il-kitba ta' Victor Fenech u wieġeb il-mistoqsijiet ta' taħt:

### Tradiment

Fil-vilel imferrxin fuq żaqq l-għelieqi nara ġrieħi r-Redentur sidru spulpjat. Naġġara bil-lexxun sawru kuruna/kaħħala sammru msiemer fil-ħamrija flok is-siġar li xettluna.

Faċli tibqa' ħalqek sieket tħares biss: 'mma min jgħożż lil art twelidu għandu d-dmir li jgħolli leħnu quddiem Alla li biss Sidu.

It-trombi ta' Ġeriku jidħlu jżarżru f'nofs il-kant tal-innu-talba tan-nazzjon, waqt li n-nawsja mal-kustilji tifrex dlielha dielja niexfa moħħna tinfed bħal berrina sa therrina.

Jekk jista' jkun, Missier, tħallix dal-kalċi jgħaddi mingħalina (madankollu naf: li jridu huma jsir mhux li rrid jiena).

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

1. X'tissejjaħ din il-kitba ta' Victor Fenech?

   Din tissejjaħ: ______________________ (2

2. Kontra xiex qiegħed jipprotesta Victor Fenech?

   Hu qiegħed jipprotesta kontra ________________________________ (2 marki)

3. ***Faċli tibqa' ħalqek sieket tħares biss***. Din il-frażi l-poeta qiegħed jindirizzaha:

   (a) lill-Maltin kollha __; (b) lin-naġġara u l-kaħħala __; (ċ) lill-awtoritajiet __. (marka)

4. Fil-vers ***moħħna tinfed bħal berrina sa therrina***, il-kelmiet **berrina**/**therrina** jissejħu:

   (a) strofa __; (b) vers __; (ċ) rima__ ; (d) ritmu __ . (marka)

5. Taħseb li l-aħħar żewġ versi ta' **Tradiment** juru li l-protesta ta' Victor Fenech se tirnexxi?

   Jekk **iva** jew **le**, għid għaliex.

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________ (4 marki)

**(iii) Qawsalla: Komponiment Letterarju** (12-il marka)

Agħżel **waħda** minn **(a)** u **(b)** u ikteb madwar **100 kelma** dwarha fuq karta separata.

(a) Fit-tema ***Ir-Rispett fil-Familja***, insibu l-imħabba li teżisti bejn il-ġenituri u l-ulied. Agħżel **żewġ** xogħlijiet (poeżiji u/jew siltiet ta' proża) li juru dan il-ħsieb u ikteb dwarhom.

**JEW**

(b) Fit-tema ***Il-Protesta*** nsibu xogħlijiet ta' poeti u ta' kittieba li jipprotestaw kontra l-qirda tal-ambjent. Agħżel **żewġ** xogħlijiet li fihom tidher din il-protesta u ikteb dwarhom.

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **300 kelma** fuq karta separata.



1. Ix-xogħol li nixtieq li jkolli fil-futur.
2. Kif ngħaddi s-Sibt filgħaxija.
3. Kompli din l-istorja: Malli dħalt id-dar, ċempel it-telefon ........
4. Kelb rieqed la tqajmux!
5. Qattajt jum fix-xtajta favorita tiegħi.
6. L-isport – mezz ta' divertiment jew ta' qligħ ta' flus?

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers